**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-24 ta' Frar, 2017**

**Talba numru: 130/2016 AM3**

**Numru fuq il- Lista: 43**

**Roderick Agius (535879M)**

**Blokk A3, Flat 11, Triq Pietru D'Armenia,**

**Pembroke**

**Vs**

**George Portelli (385589M)**

**237, Triq il-Wied,**

**Birkirkara**

It-Tribunal,

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-06 ta' April, 2016, illi permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand l-konvenut fl-ammont ta' seba' mija u tlieta u

erbghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€743.55c) dovuta mill-konvenut kwantu ghal spejjez li kellu jaghmel sabiex biddel il-magna tal-vettura li l-attur xtara minghand il-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda tal-attur fis-seduta tat-03 ta' Frar, 2017 li permezz taghha l-attur kkonferma bil-gurament li ghadu dovut fl-intier tieghu u ddikjara li ma ghandux aktar provi u ghalhekk it-Tribunal ddiferixxa l-kawza ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' seba' mija u tlieta u erbghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€743.55c) bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data ta' meta dan l-ammont sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż ta' kwalsiasi ittra uffiċjali a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikatur**